# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | MARZU 1941

## LA HEMM IL-WARD HEMM IL-ĦAJJA

Bosta drabi f'dawn l-aħħar xhur—xhur ta' gwerra qalila—ħabtilna ngħaddu minn toroq ġol-bliet, u firrħula wkoll, fejn quddiem xi bibien rajna bħal ħitan mibnijin bi xkejjer żgħar tar-ramel u xi drabi bi xkejjer tal-ħamrija.

Ix-xita li niżlet ma' tul Diċembru u Jannar xarrbet u herriet dawk ix-xkejjer, u ramel u ħamrija dehru sewwa mill-fetħiet li saru fix-xkejjer; u aħna rajna, b'għaxqa f'qalbna u tbissima fuq xuftejna, xi ħaxixa ħadra u qawwija tittawwal minn ġox-xquq tax-xkejjer u xi warda ċkejkna tilgħab mal-fewġa għaddejja u... tlellex, tlellex.

U ħsibna : Kemm hi sabiħa l-Ħajja! Hemm kien ir-ramel, jixref hu wkoll mill-fetħiet tax-xkejjer, imma, biex ingħidu hekk, mejjet, bla ruħ: iżda fil-ħamrija kien hemm iż-żerriegħa tal-Ħajja, u meta fuqha ltaqgħu u tbewsu s-sħana tax-xemx u n-nida ta' l-ilma, dik iż-żerriegħa, bħallikieku kienet għadha fil-għalqa fejn kienet qabel, xenxlet, nibbtet u warrdet.

Dawk ix-xkejjer kienu jfissru għilt, ġlied, taqbid, ħjiena, ħruxija, drib, uġigħ, dwejjaq, mewt: iżda ż-żerriegħa tal-ħajja minn dan kollu ma għarfet xejn, u malli waslet newbitha, fetħet sidirha u qalbha u minn hemm ħarġu—poeżija tal-Ħajja—il-ħaxixa wil-warda.

Poeżija tal-Ħajja! Hekk u xejn anqas: kif il-warda hija l-poeżija tal-ħajja tal-ġonna, hekk il-poeżija hija l-warda tal-ħajja letterarja. Qegħdin fi żmien ta' gwerra, żmien aħrax, meta bosta nies ta' l-ibliet kellha taħrab minn djar imġarrfa, jew imheżhża bl-ikreh, u tmur tinġabar jew titrekken fi djar oħra fil-bogħod, dojoq u ċkejkna, sewwa sew kif il-ħamrija kellha tinfired mill-beraħ tar-raba' fejn kienet tħammar u tintrass ġo xkejjer dojoq biex tinġarr fi mkejjen fejn hemm l-aħrax taż-żonqor u d-dell ta' ħitan għajjura tas-sħab.

B'dana kollu l-poeżija maltija baqgħet ixxenxel, tarmi, twarrad u tfuħ.

La hemm il-ward hemm il-ħajja.